IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.6.2019
COM(2019) 283 final

2019/0137 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza ċ-Ċekja biex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat li jidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2018/2057 fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat ("GRCM") għal tranżazzjonijiet 'il fuq mil-livell limitu ta' EUR 17 500[1] permezz ta' emenda għad-Direttiva tal-VAT[2].

Dan segwa l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT[3] li fih il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjonijiet tagħha dwar l-introduzzjoni ta' sistema definittiva tal-VAT għall-kummerċ transfruntiera intra-Unjoni bejn in-negozji[4]. Madankollu, minħabba l-fatt li l-implimentazzjoni ta' sistema definittiva tal-VAT bħal din tista' ddum diversi snin, ċerti Stati Membri talbu għal miżuri urġenti u speċifiċi biex sadanittant jikkumbattu l-frodi karusell[5]. B'mod partikolari, huma talbu l-possibbiltà li jiġi implimentat GRCM temporanju li, wara proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward[6], wassal għad-Direttiva (UE) 2018/2057 (minn hawn 'il quddiem, id-"Direttiva GRCM").

Skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri li jissodisfaw ċerti kriterji definiti għandhom il-possibbiltà, fuq talba tagħhom, li jkunu awtorizzati japplikaw GRCM temporanju sat-30 ta' Ġunju 2022. Permezz ta' ittri rreġistrati mal-Kummissjoni fil-21 ta' Jannar 2019 u fit-22 ta' Marzu 2019, iċ-Ċekja talbet awtorizzazzjoni ta' dan it-tip u pprovdiet informazzjoni maħsuba biex turi li tissodisfa l-kriterji.

Din il-proposta m'għandhiex tipprekludi d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar is-sistema definittiva tal-VAT[7].

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/2057 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat b'rabta mal-provvisti ta' merkanzija u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 3-7).

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

3 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT - Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu (COM(2016)148 final tas-7.4.2016).

4 Sadanittant, il-proposti meħtieġa ġew adottati mill-Kummissjoni:
Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tintroduċi s-sistema definittiva għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (COM(2017) 569 final tal-4.10.2017).
Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' miżuri tekniċi dettaljati għat-tħaddim ta' sistema definittiva tal-VAT għat-tassazzjoni ta' kummerċ bejn l-Istati Membri (COM(2018)329 final tal-25.5.2018).

5 Il-frodi karusell (xi kultant imsejħa wkoll "frodi b'negozjant nieqes") għandha l-għeruq tagħha fl-eżenzjoni attwali għall-provvisti intra-Komunitarji li tippermetti li l-merkanzija tinkiseb mingħajr il-VAT. Numru ta' negozjanti sussegwentement jwettqu frodi tal-VAT billi ma jħallsux il-VAT li jirċievu mill-klijenti tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxa. Dawk il-klijenti, madankollu, peress li jkollhom fatturi validi, jibqgħu intitolati għal tnaqqis mit-taxxa. L-istess merkanzija tista' tiġi pprovduta diversi drabi oħra billi jerġgħu jiġu inklużi l-provvisti intra-Komunitarji eżentati. Jista' jkun hemm każijiet ta' frodi karusell simili meta jiġu fornuti servizzi.

6 COM(2016) 811 final tal-21.12.2016.

7 COM(2018) 329 final tal-25.5.2018.

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-kriterji li jridu jiġu ssodisfati u l-proċedura li trid tiġi segwita għal awtorizzazzjoni GRCM huma stabbiliti fl-Artikolu 199c(1) sa (4) l-ġdid tad-Direttiva tal-VAT, imdaħħal mid-Direttiva dwar il-GRCM. F'dan ir-rigward u kif meħtieġ b'mod partikolari mill-Artikolu 199c(3), iċ-Ċekja pprovdiet l-informazzjoni li ġejja.

1. Ġustifikazzjoni dettaljata tas-sodisfar tal-kriterji rilevanti (l-Artikolu 199c(3)(a), b'rabta mal-paragrafu (1), tad-Direttiva tal-VAT).

1.1. Diskrepanza tal-VAT ta' mill-inqas 5 punti perċentwali ogħla mid-diskrepanza medjana tal-VAT tal-Komunità fl-2014 skont ir-rapport finali dwar id-diskrepanza tal-VAT tat-23 ta' Awwissu 2016.

Id-diskrepanza tal-VAT taċ-Ċekja fl-2014 kienet ta' 16.14 % tal-obbligazzjoni globali tagħha tal-VAT skont ir-rapport finali tal-2016 dwar id-diskrepanza tal-VAT datat it-23 ta' Awwissu 2016 u ppubblikata mill-Kummissjoni[8]. Dak ir-rapport jiddikjara wkoll li d-diskrepanza medjana tal-VAT fl-Unjoni Ewropea (UE) kienet ta' 10.4 %. Għalhekk id-diskrepanza tal-VAT taċ-Ċekja taqbeż id-diskrepanza medjana tal-VAT tal-UE b'aktar minn 5 punti perċentwali.

1.2. Livell ta' frodi karusell fi ħdan id-diskrepanza totali tal-VAT ta' aktar minn 25 % ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-impatt li akkumpanjat il-proposta leġiżlattiva għad-Direttiva GRCM.

Skont dik il-valutazzjoni tal-impatt[9], 28 % tad-diskrepanza tal-VAT taċ-Ċekja hija kkawżata minn frodi karusell. Għalhekk, dan il-kriterju huwa ssodisfat.

1.3. Huwa stabbilit li miżuri oħra ta' kontroll kif ukoll kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT mhumiex biżżejjed fil-ġlieda kontra l-frodi karusell.

Skont l-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, dan l-Istat Membru ħa għadd ta' miżuri speċifiċi ta' kontroll kontra l-frodi tal-VAT. Hawn taħt qed tingħata ħarsa ġenerali lejn dawn il-miżuri flimkien mal-valutazzjoni taċ-Ċekja tal-funzjonament u l-effett tagħhom. Dan huwa segwit mill-evalwazzjoni taċ-Ċekja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT mal-Istati Membri l-oħra.

1.3.1. Applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge settorjali

Abbażi tal-Artikoli 199 u 199a tad-Direttiva tal-VAT, iċ-Ċekja estendiet l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti f'għadd ta' setturi, fosthom: xogħol ta' kostruzzjoni, persunal għal xogħol ta' kostruzzjoni, proprjetà immobbli fejn il-fornitur għażel it-tassazzjoni, skart u fdal, oġġetti pprovduti bħala garanzija u fornuti b'eżekuzzjoni ta' dik is-sigurtà, prodotti li fuqhom ingħatat riżerva ta' sjieda lil ċessjonarju u li huma pprovduti fil-qafas tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt miċ-ċessjonarju, proprjetà immobbli li hija proprjetà ta' debitur kanonizzat u fornuti fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju, kwoti ta' gassijiet serra, mowbajls, tagħmir b'ċirkwit integrat, gass u elettriku u ċertifikati tal-elettriku, ċerti servizzi tat-telekomunikazzjoni, consoles tal-logħob, laptops, ċereali u ċerti għelejjel, ċerti metalli (inklużi metalli prezzjużi).

[8] Ċentru għar-Riċerka Soċjali u Ekonomika (CASE), Studju u Rapporti dwar id-diskrepanza tal-VAT fl-Istati Membri tal-UE-28: Ir-Rapport Finali tal-2016 (TAXUD/2015/CC/131), 2016, p.19.

[9] SWD(2016) 457 final, 21.12.2016, p.39.

Skont il-valutazzjoni taċ-Ċekja dawn il-miżuri kienu effettivi ħafna iżda ma pprevenewx it-trasferiment tal-frodi lejn setturi oħra; eż. mill-mowbajls lejn tagħmir elettroniku ieħor, mid-deheb lejn metalli oħra (fidda, platinu).

1.3.2. Obbligazzjoni *in solidum*

Abbażi tal-Artikolu 205 tad-Direttiva tal-VAT, għal provvisti bejn persuni taxxabbli, iċ-Ċekja introdućiet l-obbligazzjoni *in solidum* għal skopijiet ta' VAT f'għadd ta' każijiet. Għalhekk, obbligazzjoni *in solidum* hija applikabbli fir-rigward ta' ċerti provvisti ta' żjut minerali u prodotti oħra soġġetti għad-dazji tas-sisa.

Barra minn hekk, il-klijenti kienu obbligati *in solidum* għall-ħlas tal-VAT fir-rigward ta' kwalunkwe provvista oħra ta' prodotti jew servizzi fejn konsumatur instab li ma kienx in *bona fede*, b'mod partikolari meta t-"test tal-għarfien" huwa ssodisfat, jiġifieri meta l-klijent kien jaf jew messu kien jaf li l-VAT ma kinitx se titħallas deliberatament mill-fornitur lill-amministrazzjoni tat-taxxa. Barra minn hekk, hemm numru ta' sitwazzjonijiet partikolari li fihom l-obbligazzjoni *in solidum* tal-klijent tiġi applikata b'mod sistematiku bħal, pereżempju, meta l-prezz, mingħajr ebda ġustifikazzjoni apparenti, jiddevja b'mod ċar mill-prezz normali tas-suq; meta tintuża munita virtwali, jew meta l-fornitur ikun persuna taxxabbli li mhijiex affidabbli (ara aktar 'il quddiem, il-punt 1.3.4).

Skont il-valutazzjoni taċ-Ċekja, din il-miżura kellha karattru preventiv iżda huwa diffiċli li tiġi applikata f'sitwazzjonijiet kumplessi fi ħdan il-ktajjen tal-provvista, b'mod partikolari fejn il-klijent ta' negozjant nieqes huwa entità mingħajr assi. Barra minn hekk, it-"test ta' għarfien" ħoloq ukoll problemi konsiderevoli għall-awtoritajiet tat-taxxa, peress li l-qrati nazzjonali ddeċidew li hija r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tat-taxxa li tagħti prova li l-klijent "kien jaf jew messu kien jaf" li l-VAT mhux se titħallas mill-fornitur.

1.3.3. Mekkaniżmu ta' ħlas maqsum

Iċ-Ċekja introdućiet mekkaniżmu ta' ħlas maqsum mhux obbligatorju. Permezz tal-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum, il-klijent iħallas il-VAT direttament lill-amministrazzjoni tat-taxxa u mhux aktar lill-fornitur. Dan jelimina l-obbligazzjoni tal-VAT tal-klijent fir-rigward tal-VAT kollha dovuta fi tranżazzjoni, f'każijiet fejn il-klijent huwa obbligat b'mod konġunt u *in solidum* abbażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1.3.2.

Skont iċ-Ċekja, il-miżura hija effettiva iżda għandha żvantaġġi minħabba l-karattru fakultattiv tagħha. Skont iċ-Ċekja, jekk il-ħlas maqsum isir obbligatorju, ikun aktar impenjattiv mil-lat amministrattiv u dak finanzjarju f'termini ta' żieda fl-amministrazzjoni tal-pagamenti, tal-persunal u l-kostijiet tal-IT, kemm għan-negozjanti kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa. Barra minn hekk, f'każ li l-klijent ma jagħmilx użu mill-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum, wieħed ma jistax jassumi li l-"kundizzjonijiet tat-test tal-għarfien" ikunu ġew issodisfati. Il-qrati nazzjonali ddeċidew li, anki f'dak il-każ, l-amministrazzjoni tat-taxxa trid turi li l-klijent kien jaf, jew kellu jkun jaf, li kien involut f'sitwazzjoni ta' frodi. Barra minn hekk, il-VAT tista' tiġi rkuprata biss mill-klijent li ma jkunx għamel użu mill-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum skont l-iskema ta' obbligazzjoni *in solidum,* sakemm l-irkupru mingħand il-fornitur ma jkunx irnexxa; għaldaqstant, l-irkupru effettiv jista' jseħħ biss wara ċertu perjodu.

1.3.4. Identifikazzjoni ta' persuni taxxabbli li mhumiex affidabbli (għal persuni reġistrati)

Meta jkun seħħ ksur serju tal-obbligi tat-taxxa, l-amministrazzjoni tat-taxxa tista' tiddikjara li persuna taxxabbli mhijiex affidabbli abbażi ta' ċerti kriterji, b'mod partikolari dawn li ġejjin: arretrati kumulattivi tal-VAT għal mill-inqas tliet xhur kalendarji konsekuttivi ta' mill-inqas

CZK 500 000, ksur tal-obbligi tat-taxxa li jwasslu għal aġġustamenti tat-taxxa mill-amministrazzjoni tat-taxxa f'mill-inqas tnejn mis-sitt perjodi tat-taxxa konsekuttivi, rifjut mill-amministrazzjoni tat-taxxa minħabba ksur tat-taxxa tat-tnaqqis allegat tal-VAT fuq ix-xiri ta' mill-inqas CZK 500 000, nuqqas ta' rispons għat-talbiet tal-amministrazzjoni tat-taxxa, nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-VAT mill-inqas darbtejn f'perjodu ta' tnax-il xahar kalendarju konsekuttiv, forniment ta' informazzjoni falza jew mhux kompluta għall-finijiet ta' reġistrazzjoni tal-VAT fuq il-bejgħ, jew aċċertazzjoni mill-amministrazzjoni tat-taxxa li ammont minimu ta' mill-inqas CZK 500 000 VAT ma ġiex iddikjarat. L-informazzjoni dwar persuni taxxabbli li mhumiex affidabbli tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-amministrazzjoni tat-taxxa u hija prevista proċedura ta' appell.

Skont iċ-Ċekja, il-miżura għandha effett preventiv iżda teħtieġ deċiżjoni effettiva mill-amministrazzjoni tat-taxxa, qabel ma l-frodaturi jkunu f'pożizzjoni li jistgħu iwettqu l-frodi. Barra minn hekk, il-miżura mhijiex verament effettiva f'sitwazzjonijiet transfruntiera peress li persuna taxxabbli li mhijiex affidabbli fiċ-Ċekja xorta tista' tuża numru tal-VAT (validu) għall-iskemi ta' frodi intra-Komunitarji.

1.3.5. Identifikazzjoni ta' persuni li mhumiex affidabbli (għal persuni li mhumiex reġistrati)

Il-miżura, simili għal dik ta' qabilha, hija maħsuba biex tidentifika persuni li mhumiex affidabbli. F'dan il-każ, madankollu, il-mira hija dawk il-persuni li (s'issa) għadhom mhumiex reġistrati iżda li diġà kisru ċerti obbligi tal-VAT. Il-lista ta' persuni li mhumiex affidabbli hija ppubblikata fuq is-sit web tal-amministrazzjoni tat-taxxa.

Jekk tali persuna li mhijiex affidabbli tirreġistra għall-VAT, dik il-persuna awtomatikament tikseb l-istatus ta' persuna taxxabbli li mhijiex affidabbli fit-tifsira tal-miżura spjegata fil-punt 1.3.4. Barra minn hekk, meta persuna taxxabbli li mhijiex affidabbli tkun dereġistrata, l-istatus bħala persuna li mhijiex affidabbli jinżamm. Proċedura ta' appell għall-irtirar ta' tali status hija prevista abbażi ta' kundizzjonijiet simili għal dawk eżistenti għal persuni taxxabbli li mhumiex affidabbli.

Skont iċ-Ċekja, il-miżura għandha effett preventiv u tiżgura kontinwità bejn l-istatus ta' persuna li mhijiex affidabbli u persuna taxxabbli li mhijiex affidabbli. Madankollu, simili għall-perikli identifikati fil-punt 1.3.4 hawn fuq, il-frodaturi huma kapaċi jevitaw b'mod effettiv il-miżura qabel ir-reġistrazzjoni u f'xenarji transfruntiera.

1.3.6. Rapportar tal-VAT addizzjonali

Id-*data* minn rappurtar addizzjonali dwar il-VAT ippreżentata minn persuni taxxabbli għal kull xahar kalendarju tiġi kontroverifikata sabiex jiġu identifikati x-xenarji possibbli ta' frodi tat-taxxa. Dan għen lill-amministrazzjoni tat-taxxa biex ittejjeb il-metodu għall-għażla ta' persuni taxxabbli li se jkunu soġġetti għal kontroll.

Għalkemm hija utli biex jinkixfu l-frodaturi b'mod aktar mgħaġġel, iċ-Ċekja taħseb li din l-għodda konvenzjonali ma tistax tiġi sfruttata aktar milli hi, partikolarment fid-dawl tal-kapaċità ta' kontroll ġenerali tal-amministrazzjoni tat-taxxa.

1.3.7. Sekwestru

F'każijiet individwali, jistgħu jinħarġu sekwestri mill-amministrazzjoni tat-taxxa sabiex jiġi garantit il-ħlas tal-VAT.

Skont iċ-Ċekja, il-miżura hija effettiva ħafna iżda peress li hija applikabbli biss f'sitwazzjonijiet individwali, ma tipprovdix protezzjoni ġenerali għas-sistema komuni tal-VAT.

1.3.8. Dereġistrazzjoni awtomatika tal-VAT

Din il-miżura tikkonsisti fil-kanċellazzjoni tan-numru tal-VAT ta' persuna taxxabbli f'każ ta' ksur serju tal-obbligi tal-VAT. Il-miżura hija applikabbli fir-rigward tal-gruppi tal-VAT u tal-persuni taxxabbli li kellhom fatturat li ma jaqbiżx CZK 1 miljun matul it-tnax-il xahar preċedenti.

Iċ-Ċekja tiddeskrivi l-miżura bħala effiċjenti ħafna kemm fil-pajjiż innifsu kif ukoll għall-provvisti transfruntiera. Madankollu, peress li l-miżura tista' tiġi applikata biss wara li jkun seħħ il-ksur, il-miżura mhijiex kapaċi tipprevjeni r-riskju ta' frodi għalkollox.

1.3.9. Rifjut tad-dritt għal tnaqqis (jew tal-eżenzjoni għal provvisti intra-Komunitarji), abbażi tat-test tal-għarfien

Il-miżura tiġi applikata biex jiġi rrifjutat id-dritt għal tnaqqis, jew id-dritt li tiġi applikata eżenzjoni, f'każ li l-akkwirent (fl-ewwel każ) jew il-fornitur (fit-tieni każ) kienu jafu jew messhom kienu jafu (test ta' għarfien) li kienu qed jipparteċipaw fi tranżazzjoni marbuta ma' evażjoni tal-VAT frodulenti. Dan jirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QĠUE"), kif stabbilit f'*Kittel*[10]. L-amministrazzjoni Ċeka tagħmel użu minn "ittri ta' informazzjoni" li jinformaw lin-negozji li jista' jkun li huma involuti fi skema ta' frodi. Dawn l-ittri huma jew speċifiċi għar-riċevitur (jistgħu jsemmu s-sieħeb fin-negozju ssuspettat jew le) jew ġenerali (notifika lill-pubbliku ġenerali dwar l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' riskju speċifiku ta' frodi fiċ-Ċekja jew fl-Unjoni Ewropea).

Madankollu, skont iċ-Ċekja, fil-każ ta' frodi organizzata, huwa diffiċli biex l-amministrazzjoni tat-taxxa turi fil-prattika li negozju kien jaf jew kellu jkun jaf li huwa involut fi frodi.

1.3.10. Skrinjar tal-applikanti qabel ir-reġistrazzjoni tal-VAT

Issir verifika sistematika qabel ir-reġistrazzjoni sabiex timmira, *inter alia*, in-negozjanti nieqsa potenzjali; eż. investigazzjoni fuq il-post tintuża biex jintwera li l-ebda attività ekonomika effettiva ma titwettaq jew tiġi ppreparata sabiex tiġi rifjutata reġistrazzjoni.

Iċ-Ċekja tikkunsidra li l-miżura hija effettiva ħafna biex tipprevjeni li frodaturi jippenetraw is-sistema tal-VAT (u li jikkommettu frodi intra-Komunitarja) iżda ssibha diffiċli turi, abbażi ta' fatturi oġġettivi, li hemm evidenza soda li twassal għas-suspett li numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jkun se jintuża b'mod frodulenti, filwaqt li jitqiesu l-kriterji tal-QĠUE stabbiliti f'*Ablessio*[11].

1.3.11. Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010)[12]

Skont iċ-Ċekja, tingħata ħafna attenzjoni lill-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra. Minbarra l-kooperazzjoni prevista fir-Regolament (UE) Nru

[10] Sentenza tas-6 ta' Lulju 2006, *Kittel*, C-439/04, EU:C:2006:446.

[11] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, *Ablessio*, C-527/11, EU:C:2013:168.

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (riformulazzjoni) (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

904/2010, ġew stabbiliti ftehimiet ta' kooperazzjoni mas-Slovakkja u mal-Polonja, u qed jitħejja ieħor mal-Ġermanja.

Iċ-Ċekja tipparteċipa wkoll regolarment fil-kontrolli multilaterali simultanji ma' Stati Membri oħra. Barra minn hekk, iċ-Ċekja hija involuta fil-ħidma kollha mwettqa skont in-netwerk Eurofisc (frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes (MTIC), mezzi tat-trasport, proċeduri doganali, osservatorji, kummerċ elettroniku u Analiżi tan-Netwerk tat-Tranżazzjonijiet (TNA)). Id-*data* tal-Eurofisc tintuża b'mod attiv biex jiġu identifikati tranżazzjonijiet suspettużi.

Il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT, skont iċ-Ċekja, għandha importanza innegabbli iżda ma tipprevjenix għalkollox l-okkorrenza ta' frodi. Barra minn hekk, mhijiex utli għal frodi purament domestika.

1.3.12. Konklużjoni

Il-konklużjoni ġenerali taċ-Ċekja fir-rigward tal-miżuri msemmija hawn fuq hija li, filwaqt li kkontribwixxew b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-frodi, ma kinux kapaċi jeliminaw għalkollox il-frodi tan-negozjant nieqes fis-sistema tal-VAT attwali.

Minħabba t-tentattivi konsiderevoli u reali li saru fil-ġlieda kontra l-frodi (karusell) u l-fatt li dawn it-tentattivi ma kinux ta' suċċess għalkollox, il-kundizzjoni fl-Artikolu 199c(1)(c) tad-Direttiva tal-VAT tista' titqies bħala ssodisfata.

1.4. Il-gwadanji stmati mistennija fil-konformità u l-ġbir tat-taxxa jegħlbu l-piż addizzjonali ġenerali mistenni fuq in-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa b'mill-inqas 25 %.

Skont l-awtoritajiet Ċeki, sa fejn għandha x'taqsam l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-introduzzjoni tal-GRCM mhux se tirrikjedi xi żieda fil-persunal iżda biss rilokazzjoni tar-riżorsi umani. Il-kost biex tiġi adattata l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tat-taxxa Ċeka (inkluż it-taħriġ u l-modifika tas-sistemi tal-IT) huwa stmat għal CZK 4 miljun.

Fir-rigward tal-persuni taxxabbli, l-introduzzjoni tal-GRCM se tfisser kostijiet ta' darba sabiex jiġu modifikati s-sistemi tal-IT. Skont l-istimi, il-GRCM se japplika għal total ta' 97 000 persuna taxxabbli. Minn dan il-grupp, aktar minn 60 % diġà għandhom esperjenza b'reverse charge settorjali. L-istrutturi tal-IT u s-sistemi ta' fatturazzjoni tagħhom huma ppreparati għall-GRCM, u se jkun hemm bżonn biss modifiki parzjali tal-istrutturi eżistenti. Għas-37 500 persuna taxxabbli l-oħra, jista' jkun li jkollhom jixtru strutturi ġodda tal-IT jew jestendu dawk eżistenti; madankollu, abbażi ta' mistoqsijiet mill-akbar fornituri tas-softwer fiskali u tal-kontabilità, jidher li dawn il-bidliet jiffurmaw parti minn aġġornamenti regolari u ma jiġux imposti separatament.

Kostijiet oħra huma marbuta mat-taħriġ tal-impjegati; madankollu, dawn il-kostijiet huma meħtieġa essenzjalment għal kwalunkwe bidla leġiżlattiva. Peress li r-reverse charge mhijiex miżura li tkun kompletament ġdida, mhux mistenni li dawn il-kostijiet ikunu sinifikanti.

Kostijiet oħra għall-persuni taxxabbli jirriżultaw mill-bżonn li għal kull tranżazzjoni jiġi vverifikat jekk il-livell limitu ta' EUR 17 500, li 'l fuq minnu tapplika l-GRCM, intlaħaqx. Madankollu, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li f'ħafna mill-każijiet dan isir permezz ta' softwer tal-kontabilità, dawn il-kostijiet mhumiex se jkunu konsiderevoli. Barra minn hekk, fil-GRCM, id-divrenzjar tat-tranżazzjonijiet f'termini tal-ammont tagħhom huwa ħafna aktar faċli mid-divrenzjar fil-każ ta' approċċ settorjali.

Barra minn hekk f'xi każijiet, il-fornituri ta' oġġetti u servizzi jista' jkollhom bżonn jivverifikaw jekk il-klijent huwiex persuna taxxabbli u għalhekk jekk tapplikax ir-reverse

charge. Madankollu, f'dawk il-każijiet jista' jintuża r-reġistru ta' persuni taxxabbli, li huwa disponibbli għand l-amministrazzjoni tat-taxxa (konnessjoni mas-softwer tal-persuna taxxabbli).

Iċ-Ċekja spjegat ukoll li, meta ġie introdott ir-rappurtar addizzjonali tal-VAT fl-2016, il-kostijiet għal persuni taxxabbli kienu stmati għal EUR 370 għan-negozji ż-żgħar u minn EUR 740 għal EUR 3 000 għal kumpaniji oħra, u dan irriżulta f'total ta' madwar CZK 6 biljun għan-negozji. L-awtoritajiet Ċeki jistmaw li l-kostijiet totali għall-persuni taxxabbli li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-GRCM jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 10 % ta' dak l-ammont, jiġifieri CZK 0.6 biljun.

Fir-rigward tal-benefiċċji tas-sistema, qed issir referenza għall-esperjenzi bir-reverse charge settorjali li wasslu għal tnaqqis ta' 98 % tal-ammont ta' frodi u għal tnaqqis ta' 89 % fl-għadd ta' każijiet ta' frodi. Abbażi ta' dan, huwa mistenni li l-frodi se titnaqqas b'CZK 5 biljun fis-sena. Jekk jiġi applikat għal sentejn, il-qligħ ikun ta' CZK 10 biljun. Min-naħa l-oħra, kif intqal hawn fuq, l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet tat-taxxa jammontaw biss għal CZK 0.004 biljun u l-kostijiet għal persuni taxxabbli huma mistennija li se jammontaw għal CZK 0.6 biljun. Bħala konklużjoni, il-kostijiet stmati jirrappreżentaw 6.04 % tal-benefiċċji stmati.

Peress li l-qligħ stmat (CZK 10 biljun) jaqbeż sewwa l-kostijiet globali (CZK 0.604 biljun) b'aktar minn 25 %, din il-kundizzjoni tista' titqies bħala ssodisfata.

1.5. L-introduzzjoni tal-GRCM mhux se twassal għal kostijiet ogħla għan-negozji u għall-awtoritajiet tat-taxxa minn dawk li jirriżultaw minn miżuri oħra ta' kontroll.

Abbażi tal-kalkoli msemmija hawn fuq, jidher li l-kostijiet mistennija kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa mhumiex sinifikanti, għalkemm iċ-Ċekja tirrikonoxxi li huwa diffiċli li jiġi pprovdut tqabbil preċiż ma' miżuri oħra ta' kontroll.

Iċ-Ċekja ma għandha l-ebda intenzjoni li tbiddel l-organizzazzjoni ġenerali tal-kontrolli fiskali tagħha wara l-introduzzjoni tal-GRCM. Għalhekk, mhu se jinħolqu l-ebda kostijiet addizzjonali (apparti dawk imsemmija hawn fuq) għall-amministrazzjoni tat-taxxa jew għan-negozji kkontrollati.

Din il-kundizzjoni tista' għalhekk titqies bħala ssodisfata.

2. Id-data tal-bidu prevista tal-applikazzjoni tal-GRCM u l-perjodu li jrid ikun kopert (l-Artikolu 199c(3)(b) tad-Direttiva tal-VAT).

Iċ-Ċekja talbet l-awtorizzazzjoni biex tibda l-applikazzjoni tal-GRCM mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2022.

3. Azzjonijiet biex jiġu infurmati l-persuni taxxabbli (l-Artikolu 199c(3)(c) tad-Direttiva tal-VAT).

Il-persuni taxxabbli se jiġu infurmati b'mod elettroniku dwar l-introduzzjoni tal-GRCM kif ukoll dwar id-data tal-bidu tal-applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, se jiġu stabbiliti kuntatti u se jsiru diskussjonijiet ma' assoċjazzjonijiet tan-negozju u konsulenti tat-taxxa. Il-materjal promozzjonali se jiġi distribwit permezz tal-midja pubblika (eż. fuljetti, informazzjoni fuq is-sit web dwar l-amministrazzjoni tat-taxxa).

4. Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri ta' akkumpanjament (l-Artikolu 199c(3)(d), b'rabta mal-paragrafu (2), tad-Direttiva tal-VAT).

Din id-dispożizzjoni tirrikjedi l-introduzzjoni ta' rappurtar elettroniku xieraq u effettiv għall-persuni taxxabbli kollha u, b'mod partikolari, għall-persuni taxxabbli li jipprovdu jew li jirċievu merkanzija jew servizzi li japplika għalihom il-GRCM biex jiġu żgurati l-funzjonament u l-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni tal-GRCM.

Iċ-Ċekja tqis li l-mekkaniżmi tal-kontroll tat-taxxa li diġà huma fis-seħħ huma biżżejjed sabiex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tal-GRCM u li ma huma meħtieġa l-ebda miżuri addizzjonali ta' kontroll. Miżuri bħal dawn diġà jinkludu l-għodod addizzjonali ta' rappurtar tal-VAT imsemmija fit-taqsima 1.3.6 hawn fuq. B'mod partikolari, id-*data* miksuba minn dawn l-obbligi ta' rappurtar diġà stabbiliti fil-livell nazzjonali se tintuża bħala għodda analitika għad-detezzjoni ta' ktajjen tal-provvista suspettużi. Skont din is-sistema ta' rappurtar, li tinvolvi l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-VAT (mehmuża flimkien mad-dikjarazzjoni tal-VAT) li tista' tiġi ffajljata b'mod elettroniku, il-provvisti skont il-GRCM se jkollhom jiġu rrappurtati bl-istess mod kif diġà qed isir għall-provvisti domestiċi skont ir-reverse charge (iżda biż-żieda ta' kodiċi GRCM speċjali).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-għan ta' din l-awtorizzazzjoni huwa limitat fil-kamp ta' applikazzjoni u fiż-żmien u huwa mingħajr preġudizzju għall-iżvilupp ta' sistema definittiva tal-VAT għall-kummerċ transfruntiera intra-Unjoni bejn in-negozji.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 199c tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni u l-limitazzjoni fiż-żmien, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri l-ġlieda kontra l-frodi karusell filwaqt li, sadanittant, qed tiġi nnegozjata s-sistema definittiva tal-VAT.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 199c tad-Direttiva tal-VAT, il-GRCM jista' jiġi applikat biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba miċ-Ċekja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-inklużjoni tal-Artikolu 199c fid-Direttiva tal-VAT, li fuqu hija bbażata din l-awtorizzazzjoni, kienet soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt li ngħatat opinjoni pożittiva b'xi rakkomandazzjonijiet mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fit-28 ta' Novembru 2016[13].

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhi se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta hija limitata fiż-żmien.

[13] Ara: http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/cia_2016_en.htm

2019/0137 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza ċ-Ċekja biex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat li jidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 199c(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 199c tad-Direttiva 2006/112/KE jippermetti lill-Istati Membri, b'deroga mill-Artikolu 193 ta' dik id-Direttiva u taħt ċerti kundizzjonijiet stretti, biex jintroduċu mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat ("GRCM") fuq provvisti mhux transfruntiera ta' prodotti u servizzi, sakemm il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli li ssirilha l-provvista kollha ta' merkanzija jew ta' servizzi 'il fuq mil-livell limitu ta' EUR 17 500 għal kull tranżazzjoni.

(2) Permezz ta' ittri rreġistrati mal-Kummissjoni fil-21 ta' Jannar 2019 u fit-22 ta' Marzu 2019, iċ-Ċekja talbet awtorizzazzjoni biex tapplika l-GRCM.

(3) Id-diskrepanza tal-VAT fiċ-Ċekja fl-2014 kienet 16.14 % tal-obbligazzjoni tat-taxxa totali tal-VAT, skont il-metodu u ċ-ċifri stabbiliti fir-rapport finali tal-2016 tal-Kummissjoni tat-23 ta' Awwissu 2016 dwar id-diskrepanza tal-VAT[2]. Għalhekk id-diskrepanza tal-VAT taċ-Ċekja qabżet id-diskrepanza medja tal-VAT tal-Komunità (10.4 %) b'aktar minn 5 punti perċentwali.

(4) Il-livell tal-frodi karusell fi ħdan id-distakk totali tal-VAT taċ-Ċekja kien aktar minn 25 % skont il-valutazzjoni tal-impatt[3] li akkumpanjat il-proposta għad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/2057[4], li introduċiet il-GRCM.

(5) Iċ-Ċekja pprovdiet dettalji lill-Kummissjoni li juru li, għalkemm bosta miżuri ta' kontroll kienu ġew implimentati fiċ-Ċekja b'riżultati pożittivi, il-miżuri ma kinux biżżejjed biex tiġi miġġielda l-frodi karusell. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT ma kinitx biżżejjed biex tiġi miġġielda l-frodi karusell.

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Ċentru għar-Riċerka Soċjali u Ekonomika (CASE), Studju u Rapporti dwar id-diskrepanza tal-VAT fl-Istati Membri tal-UE-28: Ir-Rapport Finali tal-2016 (TAXUD/2015/CC/131), 2016, p.19.

3 SWD(2016) 457 final, 21.12.2016, p.39.

4 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/2057 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat b'rabta mal-provvisti ta' merkanzija u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 3).

(6) Iċ-Ċekja pprovdiet dettalji lill-Kummissjoni li juru li l-qligħ stmat bħala riżultat tal-introduzzjoni tal-GRCM huwa mistenni li jkun ta' CZK 10 biljun. Iċ-Ċekja wriet ukoll li l-piż addizzjonali ġenerali fuq l-awtoritajiet tan-negozju u tat-taxxa huwa mistenni li jkun CZK 0.604 biljun. Il-kisbiet stmati għalhekk jegħlbu l-piż addizzjonali kumplessiv mistenni b'aktar minn 25 %.

(7) Minħabba li ċ-Ċekja ma tistenniex li l-piż addizzjonali ġenerali li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-GRCM se jkun sinifikanti, in-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa mhux se jkollhom iġarrbu kostijiet li huma ogħla minn dawk imġarrba minħabba l-applikazzjoni ta' miżuri oħra ta' kontroll.

(8) Iċ-Ċekja talbet li tkun awtorizzata tapplika l-GRCM mill-1 ta' Jannar 2020 sal-30 ta' Ġunju 2022.

(9) Iċ-Ċekja tat konferma lill-Kummissjoni li se jittieħdu azzjonijiet biex il-persuni taxxabbli jiġu infurmati dwar l-introduzzjoni tal-applikazzjoni tal-GRCM permezz tal-posta elettronika, lectures pubbliċi, diskussjonijiet ma' assoċjazzjonijiet tan-negozju, is-sit web tal-amministrazzjoni u l-materjal promozzjonali stampat jew elettroniku.

(10) Iċ-Ċekja pprovdiet lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmi eżistenti tagħha għall-kontroll tal-VAT u kkonfermat li, biż-żieda ta' kodiċi speċjali GRCM, il-miżuri eżistenti se jkunu biżżejjed biex jiġi żgurat il-funzjonament u l-monitoraġġ effettiv tal-GRCM.

(11) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja lill-Kummissjoni, jitqies li ċ-Ċekja tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 199c tad-Direttiva 2006/112/KE u li t-talba ppreżentata miċ-Ċekja hija konformi mar-rekwiżiti l-oħra tal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu. Huwa għalhekk xieraq li ċ-Ċekja tiġi awtorizzata tapplika l-GRCM għall-perjodu mitlub miċ-Ċekja.

(12) Id-deroga mhu ser ikollha l-ebda impatt avvers fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-Ċekja hija awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat skont l-Artikolu 199c tad-Direttiva 2006/112/KE għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata liċ-Ċekja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President